MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

25 ta' Novembru 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.45pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur Alex Mangion li kien għadu ma daħalx online.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Mangion ma qalx li mhux ha jattendi w'għaldaqstant ma kelliex ittri ta'apoloġiji.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

20.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

20.3.1 *Risposta Omubudsman Triq A. Durer/Rużell*

Is-Sur Cordina qal li kulħadd jaf u kien infurmat fuq dak li ġara fil-każ fuq imsemmi. Hu qal li rnexxielu jakkwista kopja tal-ittra li ntbagħtet lill-*complainants* u beda jaqra siltiet minna. Hu kompla billi qal li issa pratikament il-każ hu magħluq minħabba li d-deċiżjoni li ħa l-Kunsill kienet ġusta u r-residenti jibdlu l-karta tal-indentità.

20.3.2 *Joseph Buttiġieġ – Santa Luċija Confectionery*

Is-Sur Cordina qal li ħa jkollu jsemmieħ b'ismu imma il-Ħadd li għadda fil-5.30 ta' filgħaxija fuq Whatsapp irċieva messaġġ li qara li l-Kunsill kollu li kien jitkellem fuq l-ilmijiet li jgħaddu minn quddiemu kawża skont kif qal hu ta' *island* li saret mis-Sindku qed tiddevvja l-ilma kollu fi Triq il-Kampanella u li ħa jżommu responsabbli għat-telf li qed isofri kull meta tagħmel ix-xita.

Is-Sur Cordina qal li din il-famuża *island* li qed isemmi saret bl-approvazzjoni ta' Transport Malta minħabba li kien hemm erba' toroq jagħtu ġo xulxin u biex jiġu evitati iktar inċidenti f'dawn it-toroq i.e. Għenba, Passolina, Ferrovija u Għenieqed. L-ilma li jinżel minn dawn it-toroq xorta jinżel f'direzjoni waħda l-isfel. Hu qal ukoll li ntbagħtet ittra fit-23 ta' Novembru fit-3.30 ta' wara nofsinhar lil xi ħadd jaħdem maċ-Ċivil ċertu Perit Raymond Farrugia fejn semma kif inbniet blokka kbira fi Triq il-Kampanella u li nbniet blokka oħra fi Triq l-Għenba ma' Triq il-Kampanella. Qal ukoll li nbena *culvert* fi Triq il-Mosta u t-toroq ta' fuq ma gewx inklużi fl-i*storm water catchement.* Allega li saru *sleeping policeman* u *useless culverts* li bihom biddel il-livell fi Triq il-Kampanella u biddel id-devazzjoni tal-ilma. Hu qal li bgħatt ic-*chat* kollha lill-Avukat. Is-Sur Cordina qara wkoll, la waslu f'dan l-istadju, ittra lesta mill-Avukat fejn intqal li l-Kunsill jiċħad l-allegazzjonijiet li qatt sar xi ħaġa mill-Kunsill biex jiddevja l-ilma.

Is-Sur Galea qal li hu fatt li żdiedu l-blokok u l-ilmijiet tas-soqfa tagħhom kollha jitfgħu l-ilma fit-toroq imma hija raġunata li hekk sar b'dan il-bini kollu.

Il-Perit Schembri qal li jista’ jkun li forsi għax qed jeriqlu isfel jista’ jkun irrabjat. Is-Sur Cordina qal li mhux jeriqlu xejn imma qed jgħaddi l-ilma minn quddiemu. Il-Perit Schembri qal li l-ilmijiet ma’ Malta kollha huma *concern* u kif qal is-Sur Cordina meta jitkellmu ma’ Infrastructure Malta jitkellmu fuq il-lokalità kollha u mhux fuq triq waħda biss, hemm bnadi oħra li huma problematiċi u mhux Triq il-Linja biss u in ġenerali titkellem fuq kollha.

Is-Sur Alex Mangion daħal *online* f’dan il-mument 6.06pm

20.3.3 ***M4 Supermarket***

Is-Sur Cordina qal li ntbagħtitlu talba sabiex isir *Timed Parking* mid-9am sas- 6pm quddiem is-supermarket minħabba żieda fin-numru ta’ ħwienet u issa anka *Childcare Centre*. Is-Sur Mangion qal li jista’ jkun li ssolvi ħafna problem. Is-Sur Galea qal li ma jaqbilx għax jekk isir hekk iridu Jmorru ħdejn Scotts u Panadero. Is-Sur Cordina qal li għalkemm il-liġi għadha sospiża ħa taġevola iktar il-kummerċ. Qal li ħdejn Scotts ma tistax issir għax l-art privata. Il-Perit Schembri qal li dan il-każ għandu jittieħed bħalha *pilot project.* Qal ukoll li ġaladarba il-*businesses* qed iħallsu diversi flus minħabba nuqqas ta’ parkeġġ l-Kunsill għandu d-dover ikun *fair* ma’ kulħadd u jsib bilanċ bejn it-tnejn. L-Avukat Caruana qal li kull talba għandha ssir skont iż-żoni u jkun hemm ħinijiet differenti skont iż-żona. Kulħadd qabel li tintbagħat it-talba bl-eċċezjoni tas-Sur Victor Galea.

20.3.4 ***Golden Fork***

Is-Sur Cordina qal li l-Golden Fork applika biex jagħmel *Gazebo* fi Triq il-Kbira Intabagħtet ittra lid-Direttur tal-Kunsilli Lokalli minħabba li l-Kunsill qatt ma kellu talbiet simili. **Il-Kunsill irċieva risposta mingħand l-Avukat Daniel Saliba li nforma lill-Kunsill li tali talba ma taqax taħt il-liġi tal-Kunsilli Lokali imma taħt il-liġi tat-Turiżmu. Min dakinhar sid il-Golden Fork applika sabiex issir umbrella minflok liema talba ġiet aċċettata. Rigward ir-regolamenti ta’ direzzjoni f’għajnuniet lin-negozji l-Assoċjazzjoni ħadet inizjattiva u bagħtet linji gwida liema linji gwida l-Kunsill mexa fuqhom u nħareġ permess temporanju ta’ umbrella li trid tiżżarma kuljum validu sal-aħħar ta’ Diċembru u fl-aħħar mill-aħħar mhu jostakola lill-ħadd.**

20.3.5 ***Kunċert***

Is-Sur Cordina qal li fit-12 ta’ Diċembru fis-7pm ħa jsir il-kunċert tas-*St.Paul’s Metropolitan Orchestra* taħt it-tinda ta’ Santa Katerina u skont il-protokoll ta’ distanzi soċjali.

20.3.6 ***Main Street Bistro***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ħareġ il-permess għall-imwejjed u siġġijiet bir-*removal bollards* ta’ *Main Street Bistro* u qara l-kundizzjonijiet imposti minn Transport Malta.

## 20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

20.4.1 Connie Scerri

- Qalet li rat riklam fuq it-televiżjoni fuq il-*Community Policing* u saqsiet jekk dan bediex ukoll Ħ’Attard. Is-Sur Cordina u l-Avukat Caruana qalu li s’issa hemm proġett pilota dak tal-Mellieħa u miegħu żdiedu xi lokalitajiet oħra imma skont is-Sur Cordina s’issa Ħ’Attard ma kienx inkluż.

- Qalet li kienet kitbet lill-Onorevoli Parnis għat-Trasport għall-Anzjani u li ħa tibqa' ssegwiha. Is-Sur Cordina qal li kull korrispondenza għallinqas jekk ma tintbagħatx lilhu għandha tkun cc lill-Kunsill biex il-Kunsill ikun infurmat b'dak li nkiteb.

20.4.2 Victor Galea

- Saqsa fuq il-vann il-ġdid tal-Kunsill u s-Sindku nforma lill-Kunsill li dan inxtara u ta' xi dettalji fuqu. Il-ħlas tiegħu jinsab fiċ-ċedola. Is-Sur Galea issuġġerixxa li darba fix-xahar isir rapport. Is-Sindku qal li ta struzzjonijiet biex jinstaq minn persuna waħda biss.
- Qal li saritlu talba għall-parkeġġ temporanju fi Triq Ħal Warda għall-persuna li ġiet toqgħod temporanjament Ħ'Attard. Is-Sur Cordina qal li l-aħjar għandha tintbagħat ittra lill-Kunsill biex tgħaddi minn *proper channels* u ssir talba għall-parkeġġ riżervat temporanju.

20.4.3 Avv. Silvio Brincat

- Saqsa fuq l-*insurance* tal-vann. Is-Sur Cordina qal li *insured any driver over 25.*

20.4.4 Helen Caruana

- Saqsiet fuq il-premises il-ġodda. Is-Sur Cordina qal li l-permess ħareġ u bħalissa qed tinħadem il-BOQ mill-Perit. Qal ukoll li ħa tinħareġ tender *turnkey* hekk kif jitlesta l-BOQ.
- Reġgħet saqsiet fuq it-telefon box sabiex titneħħa l-kaxxa fi Triq il-Mosta minħabba li din ħmieġ biss qed iżżomm. Kien hemm qbil li din titneħħa imma fir-rigward tal-oħra fi Triq il-Kbira fuq proposta tal-Avukat Brincat ġie deċiż li għandha tiġi restawrata u ttiettieħed fl-Info Centre fi Gnien l-Istazzjon sabiex tifforma parti minn dan il-proġett.

20.4.5 Perit Schembri

- Saqsa kif isiru xogħolijiet ta' manutenzjoni ġo Ħ'Attard. Issuġġerixxa li din ta' Triq il-Kbira issir speċi ta' Librerija żgħira fejn jinġab ktieb u jittieħed ktieb.
- Qal li l-Uffiċċini l-ġodda huma vera ta' *standard* u xtaq jgħid proset lill-Kunsill. Is-Sindku qal li finalment kien sforz ta' kulħadd.
- Qal li ġie avviċinat mill-area l-ġdida fi Triq Dun Gwann Theuma sabiex ir-residenti jissuġġerixxu xi forma ta' *landscaping* minħabba li għandha tiġi ffurmata t-triq. Is-Sindku qal li l-pakkett għandu jkun sħiħ u uniformi skont il-lampi li preżentament hemm madwar ir-raħal.

20.4.6 Remigio Bartolo

- Saqsa fuq id-dawl tal-*embankment* u fuq it-tieni proġett tal-Info Centre. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjonijiet ġew rifjutati imma kif jingħalaq il-proċess ta' devoluzzjoni fuq l-*embankment* hi ha tmexxi bl-applikazzjonijiet. Fir-rigward tal-Info Centre qalet li l-Awtorità tal-Ippjanar talbet notifika mill-Awtorità tal-Artitjiet liema karta ha tintbagħat lill-Awtorità għada stess. Qalet ukoll li fil-proġett kien hemm tibdil sabiex dan jiġi iktar konformi mal-istat orġinali u mexjin minn hemm.

## 20.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

20.5.1 Ma kienx hemm *items* oħra għad-diskussjoni.

## 20.6 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Kwart tas-Sena Lulju - Settembru

20.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif l-FSI kien 16% għal dan il-perjodu meta kumparat mal-Budget li kien 8%. Hi tat spjega ta' kull linja lill-Kunsill liema spjega dettaljata tinsab *streamed online* fuq is-sit uffiċċjali tal-Kunsill. Ir-rapport ġie approvat.

## 20.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

20.7.1 Is-Sur Giorgio Schembri saqsa jekk il-flus fl-iskeda ikunux kollha maħruġin mill-Kunsill minħabba x-xiri tal-vann. Is-Sur Cordina qal li x-xiri tal-van tħallas mill-Kunsill imma ha jiġi rimborsat mir-Reġjun. Infatti r-rimbors ġa ġie awtorizzat. Qalet ukoll li l-iskeda hi isimha magħha pagamenti u qatt ma tara dħul u ħruġ imma bilanċi ta' ħruġ biss. Id-dħul u ħruġ jiġi rifless fit-Trial Balance. Qalet ukoll li jridu jiġu ffirmati l-iskedi li ma ġewx iffirmati minħabba l-Covid għax il-Kunsill ġie ikkuntatjat mill-Awdituri l-ġodda li huma Grant Thornton.

## 20.8 Mozzjonijiet; u

20.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 20.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

20.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għall-14 ta' Dicembru 2020 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 14 ta' Diċembru 2020.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv